MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-15 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 258/2007

**A B C**
**vs**
**D E B C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-kontendenti zzewgu fis-16 ta' April 1997 kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg (Dok. A).

2. Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif kontemplat fl-artikolu 19 (1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar ta' l-

Bementi essenzjali tal-hajja mizzewga kif kontemplat fl-artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

4. Illi ghalhekk iz-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi z-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti fis-16 ta’ April 1997.

Bl-ispejjez u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat li l-konvenut debitament ingunt ghazB li jibqa’ kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-guramnet;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qieghda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fis-16 ta’ April 1997 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Kwadru tal-fatti**
Illi l-Qorti semghet lill-attrici tiddeponi, u taghtiha affidament.

Mill-provi jirrizulta li l-attrici, cittadina maltija li kienet romlot fis-sena 1986 bi tlett-it tfal mill-ewwB zwieg, izzewget lill-konvenut, cittadin egizzjan, wara li kienu ilhom jafu lil xulxin ftit gimghat u fuq insistenza ta’ l-istess konvenut. Wara z-zwieg il-partijiet qatt ma kkonvivew. Minn dan iz-zwieg ma twildux tfal.

L-attrici tispjega li f' dak iz-zmien li hija kienet iltaqet mal-konvenut u li dan kien qed jippronilha z-zwieg, hija kienet finanzjarjament batuta, kBlha tlett-it tfal mill-ewwB zwieg u kienet tghix bil-beneficji socjali; filwaqt li l-konvenut kien ipprezenta ruhhu bhala persuna finanzjalment sana u stabbli. Huwa kien weghda li meta tizzewwgu hija kienet ser tkun finanzjarjament soda u hi tghid "ghalhekk dawn il-weghdiet kienu dak iz-zmien ghamlu bija."

Dwar id-data taz-zwieg, l-attrici tghid li kien irranga kollox il-konvenut, u "dakinhar taz-zwieg, kif hrigna mill-insinwa B C qabad u tBaq ghal rasu, u jiena ergajt mort id-dar tieghi." Tghid ukoll, illi nonostante tentattivi da parti taghha sabiex huwa jmur jikkonvivi maghha, dana ma riedx, u fi kliemha "Ahna qatt ma ghexna flimkien, lanqas gurnata wahda u lanqas qatt ma kBlna rBazzjonijiet intimi."

Hija tghid ukoll li kienet saret taf li huwa kien tBaq lejn l-Egittu, izda ma semghetx aktar dwaru. Tghid li kienu anke cemplula mid-depot tal-Pulizija dwar applikazzjoni tieghu ghall-akkwist tac-cittadinanza maltija. Kienu wkoll cemplulha minn bank u minn agenzija ta' l-ivvjaggjar dwar dejn li l-konvenut ma kienx hallas.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-provi jirrizulta car li, ghalkemm il-konvenut kien esternament ghadda minn ceremonja ta' zwieg civili ma' l-attrici, huwa qatt ma kBlu l-intenjzoni li jghix il-hajja konjugali maghha, anzi eskluda b' att posittiv tal-volonta' tieghu l-obbligi tieghu li jikkonvivi ma' l-attrici fil-hajja konjugali, u jaghmB l-att taz-zwieg maghha;  imma ried biss jinqeda biha b' tentattiv li jakkwista c-cittadinanza maltija.  F' dawn ic-cirkustanzi l-Qorti tirravvisa fil-konfront tal-konvenut il-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [f] ta' l-artikolu precitat.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt fit-termini ta' l-artikolu 19[1][f] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-16 ta’ April 1997. L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------